**QORTI CIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. MHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar It-Tnejn 24 ta' Ottubru 2016**

**Kawza Numru : 18**

**Rikors Numru : 653/2015 JPG**

**Avv John Refalo bhala mandatarju Specjali tas-socjeta' estera Jiaxing Stone Industries Ltd**

**VS**

**U b'digriet tal-5 t'Awwissu, 2015 Inhatru Dr Abigail Bugeja u PL Hilda Ellul Mercer bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw is-socjeta' estera Flaxpool Limited; u Steel Eagle Commerce Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-Avv. John Refalo noe datat 6 ta' Lulju, 2015 (a fol.1 et seq) li jaqra hekk:

1. *"Illi s-socjetajiet Jiaxing Stone Industries Ltd u Flaxpool Ltd huma socjetajiet esteri, inkorporati fic-Cina u f'St. Lucia rispettivament, li dahlu fi ftehim kummercjali;*

2. *Illi din il-pendenza titratta ordni li fuq il-karta s-socjeta` konvenuta Flaxpool Limited ghamlet minghand l-awturi ta' l-attur noe permezz ta' Purchase Order 14_S11_JSI_2708_WAS ghal valur ta' hamsa u ghoxrin elf, sebgha mija u tnejn u tletin euro (USD 25,732.00), illum ekwivalenti ghal tlieta u ghoxrin elf, mija u hamsa u sebghin euro u erbgha u hamsin centezmu (Euro 23,175.54), ghalkemm bhala fatt it-trattativi kollha saru mas-socjeta` konvenuta l-ohra Steel Eagle Commerce Ltd;*

3. *Illi effettivament, kull kuntatt u negozjati li kellhom l-awturi ta' l-esponenti, sa mill-bidu nett, kien isir mas-socjeta` Steel Eagle Commerce Ltd, u qatt mas-socjeta` konvenuta l-ohra Flaxpool Limited, b'dan allura illi kien car illi l-klijent proprjament kienet is-socjeta` konvenuta Steel Eagle Commerce Limited, bis-socjeta` estera Flaxpool Limited tagixxi bhala l-paraventu taghha;*

4. *Illi dan jirrizulta car u lampanti minhabba diversi indizzji u provi, fosthom l-ghazla ta' gurisdizzjoni u l-Ligi applikabbli f'dawn it-tranzazzjonijiet tkun ta' Malta, meta fuq il-karta l-awtur ta' l-esponenti, u s-socjeta` Flaxpool Limited m'ghandhom ebda konnessjoni ma' Malta, u huwa kurjuz ukoll kif l-indirizz ufficjali tas-socjeta` Flaxpool Limited huwa dak ta' ufficju legali f'St. Lucia, meta l-kontijiet bankarji huma kollha banek ewropej;*

5. *Illi l-istess socjeta` konvenuta Steel Eagle Commerce Ltd, fil-bidu tas-sena 2015, ikkommettiet ruhha ghall-hlasijiet ta' l-ordnijiet dovuti lill-awtur ta' l-attur noe, u weghdet hlasijiet, liema weghdiet ma gewx onorati;*

6. *Illi ghaldaqstant, is-socjeta` Steel Eagle Commerce Ltd ghandha titqies illi hija wkoll debitur ta' l-awtur ta' l-attur noe, fl-ammont hawn fuq imsemmi ta' hamsa u ghoxrin elf, sebgha mija u tnejn u tletin euro (USD 25,732.00), illum ekwivalenti ghal tlieta u ghoxrin elf, mija u hamsa u sebghin euro u erbgha u hamsin centezmu (Euro 23,175.54);*

7. *Illi l-awtur ta' l-esponenti inkorriet spejjez ohra relatati ma' dan in-negozju li qeghdha tirreklama permezz ta' dawn il-proceduri;*

8. *Illi l-hlas relattiv ma thallasx, nonostante diversi interpellazzjonijiet;*

9. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

10. *Illi t-talba ghal hlas sejra ssir fuq bazi da likwidarsi sabiex ikun hemm izjed kontroll minhabba l-kwistjoni tar-rata tal-kambju;*

*Jghidu s-socjetajiet konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1) *Prevja kull dikjarazzjoni necessarja, tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjetajiet konvenuti solidalment, jew min minnhom, huma debituri ta' l-attur noe ghall-hlas tal-purchase order 14_S11_JSI_2708_WAS u spejjez ancillari inkorsi ghall-gbir ta' l-istess;*

2) *Tillikwida l-ammont dovut mis-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, versu l-awtur noe;*

3) *Tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti in solidum bejniethom, jew min minnhom, ihallsu lill-attur noe s-somma hekk likwidata;*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru li ppreceda dan l-Att, u l-imghaxijiet kummercjali sa l-ghola rata permessa mil-Ligi, kontra s-socjetajiet konvenuti, li huma minn issa ingunti in subizzjoni."*

Rat id-digriet tal-5 t'Awwissu 2015 fejn gew nominati l-Avukat Dr. Abigail Bugeja u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi;

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-konvenuta kuratrici deputata Avv. Abigail Bugeja et tas-16 ta' Settembru 2015 (a fol 72) li taqra hekk:

1) *"ILLI huma m'humiex edotti mill-fatti u jirriservaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri.*

2) *Salv' eccezzjonijiet ohra."*

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' Steel Eagle Commerce Limited (C 46938) tat-2 t'Ottubru, 2015 (a fol 77 et seq) li taqra hekk:

1) *Illi r-rikors guramentat promotur huwa null stante li l-attur la hallas id-dritt tar-Registru tal-Qorti stabbilit fl'artikolu 3(1)(f) tat-Tariffa A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) applikabbli fejn it-talba tkun ghall-kundanna ta' hlas ta' somma flus u lanqas ma ghamel id-dikjarazzjoni mahlufa msemmija fl'artikolu 4(1)(e) tal-istess Tariffa A tal-imsemmija Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li turi l-ammont bejn wiehed u iehor li jaħseb li jkun jista' jitlob jekk jiġi stabbilit id-dritt tiegħu. L-attur jipprova jiggustifika dan in-nuqqas konvenjenti biex ma jhallasx id-dritt tar-Registru billi jghid li huwa ma ndikax l-ammont ta' sitta u ghoxrin elf sitt mija u disgha u sittin dollaru Amerikan ($26,636.00) ossia tlieta u ghoxrin elf sitt mija u disgha u sittin euro u ghoxrin cent (€23,669.20), minnu indikat fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 970/15 tal-15 ta' Lulju 2015 kopja ta' liema mandat qed jigi anness (billi ma giex anness mar-Rikors Guramentat u hija mmarkata bhala Dokument "SE1" billi jghid li dan setgha jvarja skont ir-rata tal-kambju. L-unika kambju verament rilevanti huwa dak tat-dritt pagabbili ghal prezentata tar-Rikors Guramentat;*

2) *Illi in linea preliminari ukoll u bla pregudizzju, is-socjeta' attrici estera ghandha tipprova li s-socjeta' esponenti hija legittima kontradittrici taghha; stante li s-socjeta' esponenti fl-ebda stadju ma kkuntrattat mas-socjeta' attrici estera f'isimha u l-kuntratt sar bejn is-socjeta' attrici estera u s-socjeta' konvenuta l-ohra kif jidher mid-dokumenti annessi mar-Rikors Guramentat mis-socjeta' attrici estera stess;*

3) *Illi in linea preliminari ukoll u bla pregudizzju, is-socjeta' attrici estera ghandha tipprova li s-socjeta' esponenti kienet qed tagixxi ta' paraventu ghas-socjeta' konvenuta*

*l-ohra, anke fl-isfond tal-Artikolu 67 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, aktar u aktar meta s-socjeta' attrici estera stess, fir-rikors taghha fejn talbet ghall-hatra ta' kuraturi biex jirraprezentaw lis-socjeta' konvenuta l-ohra, tenut kont l-artikolu 931(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li "kopja ta' dawn il-bandi flimkien ma' kopja tal-iskrittura jew verżjoni qasira tagħha għandha tiġi nnotifikata lil wieħed mill-eqreb qraba tal-persuna li għandu jkollha kuratur li jidher għaliha, l-atturi…" l-anqas ma nnotifikaw lis-socjeta' esponenti bil-bandu relattiv;*

4) *Illi fil-meritu s-socjeta' attrici estera ghandha tipprova li l-ammont indikat fil-purchase order annessi mar-Rikors promotur u l-ispejjes ancillari minnha hemm citati u precizati fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju huwa verament dovut;*

5) *Illi bla pregudizzju ghas-suespost is-socjeta' esponenti hija socjeta' registrata hawn Malta u hija ghall kollox separata u distinta mis-socjeta' konvenuta l-ohra u ghalhekk m'ghandhiex twiegeb ghal dak li ghamlet is-socjeta' konvenuta l-ohra; tezi mibnija fuq suppozizzjonijiet u allegazzjoniet gratuwiti u bazati fuq kongetturi m'ghandhiex tintlaqa;*

6) *Illi bhala fatt is-socjeta' esponenti qatt ma ordnat l-merci imsemmija fir-rikors guramentat promotur u qatt ma ikkommettiet ruhha ghall-hlasijiet ta' l-ordnijiet allegatament dovuti mis-socjeta' konvenuta l-ohra u m'hix responsabbili ghal ebda hlas dwar l-istess;*

7) *Illi l-atturi qed jirrekaw danni sostanzjali lis-socjeta' eccipjenti minhabba l-hrug frivolu, vessatorju u malizzjuz tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju Dokument "SE1" li qed itellef lis-socjeta' eccipjenti odjerna mill-uzu ta' flusha u mill-gestjoni tal-operat taghha u qed jirreka danni sostanzjali ohra lis-socjeta' esponenti, u dana kollu htija tal-attur nomine, u dan hekk kif ser jigi ppruvat ahjar fil-mori tal-kawza odjerna, u ghal dan il-ghan is-socjeta' esponenti qed tipprevalixxi ruhha mid-dritt moghti lilha skond il-ligi u qeghdha taghmel kontestwalment id-debita kontro-talba fir-rigward;*

8) *Illi f'kull kaz, bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

9) *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez."*

Rat il-kontro-talba tas-socjeta' Steel Eagle Commerce Limited (C 46938) tat-2 t'Ottubru 2015 (a fol. 79 et seq) li taqra hekk:

1) *"Illi s-socjeta' esponenti giet notifikata bir-rikors guramentat promotur tal-kawza odjena u, kif inghad, l-istess socjeta' esponenti qed tipprevalixxi ruhha mid-dritt lilha koncess skond il-ligi u qieghda taghmel il-prezenti kontro-talba kontra l-attur;*

2) *Illi permezz tal-Mandat ta' Sekwestru numru 970/15 fl-ismijiet "Avv. John Refalo bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Jiaxing Stone Industries Limited vs 1) Flaxpool Limited u 2) Steel Eagle Commerce Ltd (C-46938)" prezentat fil-15 ta' Gunju 2015 (Dok. "SE1" anness) dina l-Onorabbli Qorti ordnat li tigi ssekwestrata ta' sitta u ghoxrin elf sitt mija u disgha u sittin dollaru Amerikan ($26,636.00) ossia tlieta u ghoxrin elf sitt mija u disgha u sittin euro u ghoxrin cent (€23,669.20) mill-flus appartenenti lis-socjeta' esponenti;*

3) *Illi s-socjeta' esponenti kienet <u>BISS</u> qed tagixxi ta' mandatarju tas-socjeta' estera Flaxpool Limited li hija fil-fatt kumpannija inkorporata gewwa St. Lucia, u dana bil-ghan li jigi koordinat l-ordni u l-konsenja tal-prodotti mibjugha mis-socjeta' attrici (u sekwestranti) rikonvenzjonata estera lis-socjeta' estera Flaxpool Limited u ghalhekk, is-socjeta' esponenti m'ghandha l-ebda responsabilita' diretta ghall-hlas ta' sommom (li jistghu wara kollox jirrizultaw li l-anqas huma dovuti wara li jigi dibattut il-mertu) u dwar dan kienet ben konsapevoli s-socjeta' attrici rikonvenzjonata;*

4) *Illi dolozament l-attur nomine, ben sapevoli tal-fatt li s-socjeta' esponenti kienet <u>BISS</u> qed tagixxi ta' mandatarju tas-socjeta' estera Flaxpool Limited xorta wahda talab ghal u ottjena l-hrug tal-precitat Mandat ta' Sekwestru numru 970/15 kontra s-socjeta' esponenti;*

5) *Illi s-socjeta' esponenti soffriet u qed issoffri danni konsegwenza tal-precitat Mandat ta' Sekwestru numru 970/15 (Dok. "SE1"), fosthom dawk li jirrizultaw minn-nuqqas tal-uzu tal-flus li gej minnha mehuda u depozitati taht l-awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti skond kif jirrizulta mic-cedola ta' depozitu numru 1028/2015 (Dok. "SE2") fl-ismijiet premessi li kopja taghha tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Do. "B" u li permezz taghha gew depozitati s-somma ta' €40,017.03 minn flus is-socjeta' esponenti oltre l-ispejjez;*

6) *Illi bil-hrug tal-precitat Mandat ta' Sekwestru numru 970/15, per konsegwenza tat-telf ta' uzu tal-flus appartenenti lis-socjeta' esponenti qeghdin u sejrin jigu imposti fuq is-socjeta' esponenti multi, hlas ta' demurrage, inoltre s-socjeta' esponenti giet f'qaghda li ma tistax thallas il-kredituri legittimi taghha (anke ghal merci li jinsabu diga' in transit) u anke ghall-fatt illi s-socjeta' esponenti ma tistax aktar tibqa' topera b'success u ghat-telf ta' reputazzjoni u anke telf ta' qligh. Dan kollu jissarraf f'danni li qed jigu rrekati lis-socjeta' esponenti u li ghalihom l-atturi ghandhom jghamlu tajjeb;*

7) *Illi ta' dawk id-danni kollha fuq imsemmija l-attur nomine huwa unikament responsabbli;*

8) *Illi l-esponent nomine jaf personalment bil-fatti kollha minnu dikjarati.*

*Għaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, jghid l-attur nomine rikonvenzjonat għaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*

1) *Tiddikjara li l-atturi rikonvenzjonati jew min minnhom ikkawzaw u qeghdin jikkawzaw danni lis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti u li l-istess l-atturi rikonvenzjonati huma unikament responsabbli ghal dawk id-danni li huma kkagunaw lis-socjeta' konventa rikonvenzjonanti;*

2) *Tillikwida id-danni kollha li l-atturi rikonvenzjonati kkagunaw lis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti;*

3) *Tikkundanna lill-atturi rikonvenzjonati jhallsu lis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti dawk id-danni hekk likwidati li l-atturi rikonvenzjonati kkagunaw lis-socjeta' konventa rikonvenzjonanti;*

*Bl-imghaxijiet mid-data tal-inadempjeza tal-atturi rikonvenzjonati u bl-ispejjez kontra l-istess atturi rikonvenzjonati, minn issa ngunti ghas-subizzjoni u bir-rizerva ta' kull azzjoni ohra kontra l-atturi rikonvenzjonati spettanti lis-socjeta'-esponenti."*

Rat ir-risposta mahlufa ta' l-attur Avv. John Refalo noe (ID:113874M) tal-20 t'Ottubru, 2015 ghall-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta Steel Eagle Commerce Ltd (a fol 90 et seq) li taqa hekk:

1. *"Preliminarjament, in-nullita' ta' l-Att gudizzjarju li permezz tieghu gew intavolati l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba, u dan stante illi Valcho Stoychev Valchev huwa ragel Bulgaru u li ma jifhimx il-Malti u ghaldaqstant huwa inkoncepibbli kif seta' jiehu gurament fuq il-veracita' tal-kontenut ta' l-istess Att kif redatt bil-Malti, minghajr ma l-istess Att gie tradott u t-traduzzjoni giet annessa – ghaldaqstant dan il-gurament m'ghandux jitqies li jiswa' b'dan li l-Att gudizzjarju de quo ghandu jitqies null;*

2. *Preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-kontro-talba de quo hija irrita u nulla stante illi jonqsu l-elementi u r-rekwiziti essenzjali, senjatament izda mhux limitatament, in-ness sabiex tigi proposta kontro-talba validament.*

3. *Illi t-talbiet tas-socjeta' konvenuta rikonvenjenti huwma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess s-socjeta' konvenuta rikonvenjenti u dan stante li l-eccepjenti ma hux responsabbli ghal ebda Danni lejn is-socjeta' konvenuta rikonvenjenti;*

4. *Illi minghar pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe dannu allegat irid jigi ppruvat sal-grad rikjest mil-Ligi;*

5. *Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, f'kaz biss illi dina l-Onorabbli Qorti kellha tillikwida kwalunkwe somma in linea ta' danni favur is-socjeta' konvenuta*

*rikonvenjenti, l-imghax ghandu jibda jiddekkorri biss mid-data tan-notifika tal-kontro-talba stante n-nuqqas ta' interpellazzjoni;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur rikonvenut Avv. John Refalo noe tal-20 t'Ottubru 2015 (a fol. 91);

Rat in-nota ta` eccezzjonijiet ulterjuri tal-4 ta' Dicembru, 2015, tal-konvenuti kuraturi Dr. Abigail Bugeja u l-PL Hilda Ellul Mercer li qed jidhru ghan-nom tas-socjeta` estera Flaxpool Ltd, hekk kif debitament awtorizzati permezz ta` digriet datat 27 ta` Novembru 2015 (a fol 108 et seq) li taqra hekk:

1. *"Illi, preliminarjament in-nuqqas ta' kompetenza rationae materiae ta' din l-Onorabbli Qorti u dan minhabba klawzola 10 inserita fil-Purchase Order annessa mar-rikors guramentat odjern u datata s-27 ta` Awwissu 2014, liema klawzola tipprovdi s-segwenti:*

   *10. Arbitration. Any dispute arising out of or relating to this Agreement, or the breach hereof, shall be referred to and settled by the Malta Arbitration Centre, Valletta, Malta in accordance with the Regulations of the above mentioned Court. The award of the Arbitration Court is final and binding upon both parties.*

2. *Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta` rikorrenti u s-socjeta` konvenuta Steel Eagle Commerce Limited, u dan bhalma hemm indikat fl-ittra mibghuta minn Flaxpool Limited u datata 5 ta` Novembru 2015, liema ittra gietipprezentata permezz ta` nota fit-18 ta` Novembru 2015;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suesport, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex il-merkanzija li giet ipprovduta mis-socjeta` rikorrenti lis-socjeta` esponenti kienet ta` kwalita` fqira u mhux skond l-ordni li kienet giet effettwata mis-socjeta` esponenti Flaxpool Ltd, apparti l-fatt li l-istess merkanzija ma waslitx puntwalment. F'dan ir-rigward, is-socjeta` esponenti Flaxpool Ltd diga`*

*intavolat proceduri kontra s-socjeta` rikorrenti Jiaxing Stone Industries ghal hlas ta` danni relatati mal-istess. In vista ta` dan, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;*

4. *Salv' eccezzjonijiet ohra."*

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-Avv. John Refalo noe (ID: 113874M) tad-9 ta' Marzu, 2016 (a fol 113 et seq);

Rat in-nota ta' l-Avukat John Refalo noe u l-kuraturi deputati Avv. Abigail Bugeja noe et (a fol 123) tad-9 ta' Marzu 2015 li permezz taghha qabblu u ddikjaraw li fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni ulterjuri, u cioe' dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Qorti in vista ta' klawzola arbitrali, li ma hemmx provi x'jingiebu stante li l-kwistjoni kienet ta natura Legali;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kuraturi Dr. Abigail Bugeja u l-PL Hilda Ellul Mercer ghan-nom tas-socjeta' estera Flaxpool Ltd tat-12 t'April 2013 (a fol. 123A et seq);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Steel Eagle Commerce Limited (C 46938) tat-18 t'April, 2016 (a fol 124 et seq);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kuraturi Dr. Abigail Bugeja u l-PL Hilda Ellul Mercer ghan-nom tas-socjeta' estera Flaxpool Ltd tat-13 ta' Mejju 2016 (a fol. 127 et seq);

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza minn eccezzjoni preliminari li tressqet mis-socjeta ntimata Flaxpool Limited fl-4 ta' Dicembru 2015. Permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri.[1] Is-socjeta Flaxpool Limited eccepiet l-inkompetenza ratione materiae ta' din il-Qorti fid-dawl ta'

1Fol 108 – 109.

klawsola arbitrali li tinsab fil-ftehim kuntrattat bejn il-partijiet, skont liema, kull vertenza illi tinqala' jew li hija relatata mal-istess ftehim ghandha tigi sottomessa ghal-gudizzju tac-Centru tal-Arbitragg.

Ir-rikorrent nomine rrebadixxa din l-eccezzjoni billi l-ewwel nett argumenta illi l-eccezzjoni tal-inkompetenza ma setghatx tinghata fin-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri izda kellha tinghata fil-bidu tal-proceduri, u sussidjarjament illi s-socjeta ntimata Flaxpool Limited ma segwitx il-procedura kontemplata mill-ligi fil-kaz stante li l-intimat ikun irid iwaqqaf l-issoktar ta' proceduri gudizzjarji billi jinvoka klawsola arbitrali.

Il-Qorti taghraf illi l-eccezzjonijiet dilatorji ghandhom kollha jinghataw in limine litis u cioe' fil-bidu tad-difiza. Huwa principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi l-eccezzjoni tal-inkompetenza *ratione materiae* hija eccezzjoni dilatorji, u ghalhekk ghandha ssegwi din ir-regola. Fil-fatt, Sir Antonio Micallef jghallem illi:

> "**[l]'*eccezzione pero d'incompetenza relativa nelle cause ordinarie dev'essere proposta prima della contestazione della lite per non farse presumere prorogata la giurisdizione del guidice.*"**[2]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Lawrence Vella noe vs Bernardina D'Amato** deciza fit-28 ta' Ottubru 1994, il-Qorti tal-Appelli kienet tal-opinjoni illi galadarba l-eccezzjoni dilatorji ghandhom jinghataw *in limine litis*, **l-eccezzjoni ta' inkompetenza ma tistghax tinghata bhala eccezzjoni ulerjuri**. Inoltre, il-gurisprudenza tal-Qrati Maltin tqis illi l-eccezzjoni tal-inkompetenza ghandha titqies **rinunzjata** jekk ma tingiebx fil-bidu nett tad-difiza tal-intimat.[3]

F'dan il-kaz, il-kuratur deputat tas-socjeta ntimata Flaxpool Limited tidher illi tiggustifika l-fatt illi ressqet l-eccezzjonijiet ulterjuri, inkluz dik tal-inkompetenza, minhabba illi originarjament ma kienetx edotta mill-fatti u kien biss meta rcievet l-email minghand is-socjeta Flaxpool Limited fil-5 ta' Novembru 2015 bl-istruzzjonijiet dwar il-posizzjoni tal-kumpanija, illi setghat tressaq l-eccezzjonijiet ghan-nom tas-socjeta ntimata.

2Sir Antonio Micallef, Trattato delle Procedure Civili – Primo Tomo, 199.

3 **Vide David Curmi noe vs Abela Godwin et noe,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 31 ta' Marzu 2003; **Saviour Brincat et vs Salina Estates Limited,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 25 ta' Frar 2004; **Commercial Services Bureau Limited vs Grima Communications Limited,** Qorti tal-Appell Civili deciza 23 ta' Gunju 2004.

Minn qari ta' dan l-email jirrizulta pero, illi s-socjeta Flaxpool Limited qatt ma semmiet il-klawsola arbitrali fl-email taghha jew uriet xi xewqa illi l-vertenza ta' bejn il-partijiet tigi deciza permezz ta' arbitragg. A kuntrarju, il-kuratur deputat giet a konjizzjoni tal-klawsola ta' arbitragg mill-kopja tal-ftehim anness mar-rikors guramentat, liema kopja giet notifikata fil-bidu nett tal-proceduri u li ghalhekk dan il-ftiehem kien akonoxxenza tal-kuratur deputat sa mill-bidu nett tal-proceduri.

Il-Qorti tqis ghalhekk illi l-eccezzjoni ta' inkompetenza zgur ma setghatx tinghata permezz ta' eccezzjoni ulterjuri, anke fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Barra minn hekk, multo magis l-eccezzjoni ta' inkompetenza *ratione materiae* ma setghatx tigi moghtija permezz ta' eccezzjoni ulterjuri, gialadarba dato che din l-*eccezzjoni* hija bbazata fuq klawsola arbitrali, qatt ma setghat tinghata bhala eccezzjoni mill-bidu nett, izda minflok kellha tigi segwita il-procedura prevista fl-Artikolu 15 (3) tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu jipprovdi illi:

> "[m]*inkejja kull disposizzjoni li hemm fil-Kodiċi ta' Kap. 12. Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jekk parti fi ftehim ta' arbitraġġ, jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa tal-parti, tibda xi proċedimenti legali f'qorti kontra kull parti oħra fil-ftehim ta' arbitraġġ jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa ta' dik il-parti, dwar kull ħaġa miftehma li tiġi riferita għall-arbitraġġ,* ***kull parti f'dawk il-proċedimenti legali tista' f'kull żmien <u>qabel ma tressaq xi eċċezzjonijiet</u> jew tmexxi mod ieħor fil-proċedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-proċedimenti****, u dik il-qorti jew imħallef tagħha, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitraġġ ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, għandha tordna li jitwaqqfu l-proċedimenti. Rikors jista' jsir minkejja li l-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-arbitraġġ biss wara li jiġu eżawriti proċeduri oħra ta' riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet.*"

Jinsab ritenut fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna illi d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 387 huma *lex specialis* fir-rigward tal-klawsola ta' arbitragg li tigi nvokata mill-intimati f'kawza. Ghalhekk, gialadarba hawnhekk qed nitkellmu fuq *lex specialis:*

> "…***<u>kien jinkombi fuq il-konvenuta li jekk riedet tittenta twaqqaf il-kawza tallum kellha ssegwi dak li jghid l-Art 15(3) [tal-Kap. 387] u</u>***

***<u>mhux teccepixxi n-nuqqas tal-gurisduzzjoni tal-qorti skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 12 li hija l-lex generalis.</u>*** *Dan jidher li kienet ukoll il-forma mentis tal-legislatur meta kien tassattiv li jirrendi applikabbli dak li jghid l-Art 15(3) minkejja kull disposizzjoni li hemm fil-Kap 12.*

*(...)*

*...illi* ***<u>l-konsegwenza tal-ghazla li ghamlet il-konvenuta li ma titlobx it-twaqqif tal-procediment tal-lum kif previst mill-Art 15(3) tittraduci ruhha f`accettazzjoni tal-gurisdizzjoni ta` din il-qorti. U bis-sottomissjoni (submission) taghha ghall-gurisdizzjoni tal-qorti, il-konvenuta rrinunzjat, b`mod car u inekwivoku, ghalkemm tacitament, li tenforza l-klawsola arbitrali.</u>*** *Rinfaccjata bil-kawza, u b`disposizzjoni daqstant cara bhal ma hija l-Art 15(3) tal-Kap 387, l-uniku mod li kellha l-konvenuta biex tinsisti fuq ittharis tal-klawsola arbitrali u tittenta tbieghed kull kwistjoni ta` gurisdizzjoni tal-qorti kienet li tmur ghal tharies skrupoluz tad- disposizzjoni.'"*[4]

Fuq linja ta' hsieb simili, il-Qorti tal-Appell kienet irriteniet fis-sentenza fl-ismijiet **Alfred Portelli vs Kunsill Lokali Ta' Xbiex** deciza fis-26 ta' Novembru 2014 illi:

[g]*halkemm l-Artikolu 742(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li jekk ikun hemm ftehim ta' arbitragg/klawsola arbitrali bejn il-partijiet kontendenti lqorti ta' kompetenza civili ghandha twaqqaf il-procedimenti istitwiti quddiemha, il-Qorti hi tal-fehma illi l-applikazzjoni ta' dan il- provvediment talLigi, ghandu jinqara flimkien ma' dak dispost fl-Artikolu 15(3) tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi dwar il-procedura li ghandha tigi segwita minn dik il-parti fi proceduri civili li appuntu trid titlob il-waqfien ta' dawk il-proceduri minhabba l-ezistenza ta' ftehim ta' arbitragg. Tant id-disposizzjonijiet kontenuti fil-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz ghalhekk l-Artikolu 15(3), ma jistghux jigu injorati fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 742(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, li f'dak l-istess*

4**Mario Vella et vs Malta Industrial Parks Limited,** Qorti tal-Appell Civili deciza 30 ta' Settembru 2014.

*artikolu tal-Ligi hemm dispost li l-Qorti ghandha tagixxi bla hsara ghad- disposizzjonijiet ta' kull ligi li tirregola l-arbitragg.*

*(...)*

***Dak li kellu jaghmel il-Kunsill intimat, allura, kien illi qabel ma iressaq kwalsiasi eccezzjoni jaghmel talba appozita ghall-waqfien ta' proceduri istitwiti quddiem qorti ta' kompetenza civili minhabba l-ezistenza ta' ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet kontendenti. Tant il-Legislatur ried li l-parti li titlob il-waqfien tal-proceduri civili tressaq it-talba taghha quddiem il-Qorti qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew b'mod iehor tmexxi fil-procedimenti, li s-subartikolu 8 ta' l-Artikolu 15 tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi "li mal-prezentata ta' rikors biex jitwaqqfu l-procedimenti skond issubartikolu (3), kull limitu ta' zmien ghall-prezentata ta' kull risposta ta' lintimat jew twegiba ohra, kemm jekk titnissel mill-ligi jew minn ordni ta' xi qorti jew tribunal, jew xort'ohra, ghandu jigi interott u ghandu jerga' jibda jsehh mid-data li fiha r-rikorrent jigi notifikat bid-decizjoni tal-Qorti li tichad ir-rikors, u dan irrispettivament minn jekk isirx appell minn xi parti dwar din id-decizjoni".*** *Fil-kaz in ezami l-konvenut kjarament ma segwiex il-procedura stabbilita flArtikolu 15(3) tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta izda, kuntrarjament ghal dak dispost fl-imsemmi artikolu tal-Ligi, una volta notifikat bir-Rikors promotur ipproceda billi ressaq l-eccezzjonijiet tieghu – inkluza eccezzjoni fil-mertu – ghat-talbiet attrici fir-risposta tieghu. Illi dana il-hsieb kien rifless fis-sentenza Cobra Installations Limited vs Caruana Stephen deciza mill-Qorti tal-Magistrati fl-10 ta' Jannar 2012 u ikkonfermata fl-appell fit-08 ta' Novembru 2013 fejn il-Qorti ghamlet referenza ghal gurisprudenza nostrana fosthom is-sentenza fl-ismijiet Josephine Bonello pro et noe v. John Bonello, Citaz. Nru. 2657/99 deciza mill-Prim' Awla talQorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003 fejn gie deciz "trattandosi di leggi di procedura che hanno progetto l'ordine pubblico mediante un convenzionismo di forma, non si deve ammettere altra interpretazione che la letterale nel senso che ove la*

*legge prescrive una certa forma, questa si debba osservare alla lettera e non per equipollens (Vol. XVIII pI p879, Vol. XLIX pI p421). Din mhiex kwistjoni ta' legalizmu jew formalizmu zejjed. Hi invece kwestjoni ta' applikabilità o meno ta' norma procedurali specjali. Il-Qorti temmen, bhal qrati ohra qabilha illi "waqt li formalizmu eccessiv ghandu jigi evitat m'ghandux lanqas però jidhol jew jigi inkoraggit permessivizmu ingustifikat" (Vol. XXXII pI p712, "Francis T. Gera noe v. Ed. Camilleri et" Apell, Sede Inferjuri, 14 ta' Frar 1973). Sa recentement gie rimarkat illi l-Qrati jridu japplikaw u jinterpretaw il-ligijiet tal-pajjiz kif promulgati mill-Parlament u ma ghandhom l- ebda diskrezzjoni la li jaddotawhom b'mod approssimattiv skond li jidhrilhom li hu gust u ekwu fic-cirkostanzi u wisq anqas li jissanzjonaw proceduri li il-ligijiet tal-pajjiz ma jippermettux li jigu mprovvizati f'dawk ic-cirkostanzi, bil-konsegwenza li jigu newtralizzati u emaskulati proceduri ohra espressament provduti bil-ligi. (Kummissarju tat- Taxxa fuq il-Valur Mizjud v. George Schembri" Appell, 6 ta' Ottubru 2000).*

*Ghalkemm fil-kaz in ezami si tratta ta' disposizzjoni procedurali nascenti mill-Ligi specjali li tirregola l-Arbitragg u mhux mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, il-Qorti ma ssib ebda raguni ghalfejn il-principju guridiku appena citat ma ghandux japplika wkoll ghall-kaz inezami. In effetti proprio ghaliex si tratta ta' norma procedurali specjali huwa imperattiv li l-istess tigi applikata u interpretata alla lettera u mhux per equipollens. Illi din il-Qorti tikkondividi pjenament dan il-hsieb u kwindi hija tal-fehma illi t-tieni aggravvju sollevat mir-rikorrenti jisthoqq akkoljiment u dana fid-dawl ta' dak dispost fl-artikolu 742(3) tal-Kapitolu 12. Gialdarba il-Kunsill intimat naqas milli iressaq it-talba appozita kif ipprovdut fil-ligi ghal waqfien ta' dan i-lprocediment fid-dawl tal-klawsola arbitrali, u dana qabel ma ressaq leccezzjonijiet tieghu, huwa kien prekluz, imbaghad milli jissolleva in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti per via di eccezzione u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha*

*tghaddi sabiex tichad dina l-eccezzjoni u dana billi una volte l-intimat ma mexiex kif dettat minnu bil-ligi, il-gurisdizzjoni tal-qrati civili ma gietx eradikata.*

Is-socjeta ntimata Flaxpool resqet l-argument illi hija kellha ghazla ta' kif u meta tressaq it-talba taghha biex il-proceduri jigu riferiti lill-arbitragg ghaliex l-Artikolu 15(3) juza il-kelma 'tista'. Il-Qorti tqis pero illi l-kelma 'tista' f'dan is-subinciz tirreferi ghall-fakolta u diskrezzjoni ta' kull parti mill-kawza li titlob li l-procediment jigi riferit ghall-abritragg, u mhux ghall-mod u t-terminu entro liema din it-talba ghandha titressaq. L-artikolu huwa car daqs il-kristall u jistipola terminu mandatorju entro liema trid titressaq din it-talba, u cioe “*...qabel ma tressaq xi eċċezzjonijiet jew tmexxi mod ieħor fil-proċedimenti...*” Ghalhekk, hekk kif Flaxpool Ltd. ressaqet l-eccezzjonijiet taghha, l-istess socjeta’ tigi meqjusa illi ssottomettiet ruhha ghall-gurisdizzjoni tal-Qorti u rrinunzjat tacitament illi tenforza l-klawsola arbitrali.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad l-eccezzjoni ta' inkompetenza ratione materiae tas-socjeta Flaxpool Limited, u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

L-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**